# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM l-Erbgħa, 17 ta' Marzu, 2023**

**Kawża Nru. 14**

**Rik. Nru. 1020/13JRM**

**GREYHOUND INTERNATIONAL LIMITED (C – 52503)** għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Tishtom Alcosteel Recyling Co Ltd kif debitament awtoriżżata u l-istess Greyhound International Limited għal kull interess li jista' jkollha; u b'digriet tas-7 ta' Mejju, 2015, l-Avukat Mark Mifsud Cutajar u l-P.L. Pauline Mallia nħatru Kuraturi Deputati biex jidhru għal Greyhound International Limited; u b'digriet tal-31 ta' Awwissu, 2015, il-Prokuratur Legali Noel Scerri nħatar kuratur deputat minflok il-Prokuratriċi Legali Pauline Mallia

vs

Josette **BERRY** u Sandro Darmanin

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-23 ta' Ottubru, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) ssib lill-imħarrkin flimkien u *in solidum* bejniethom, jew min minnhom, responsabbli għad-danni li ġarrbet minħabba ħlasijiet eċċessivi u jew mhux dovuti; (b) tillikwida d-danni u l-ammonti mħallsa żejda; u (ċ) tikkundanna lill-imħarrkin *in solidum* bejniethom, jew min minnhom, sabiex iħallsuha l-ammont hekk likwidat. Talbet ukoll l-ispejjeż magħduda dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju mressaq dakinhar stess;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Ottubru, 2013[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fl-14 ta' Novembru, 2013, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li l-azzjoni ma tiswiex għax Anthony Stivala m'għandux ir-rappreżentanza legali u ġuridika tal-kumpanniji attriċi, kif ukoll li l-imsemmi Anthony Stivala jrid jipprova li l-kumpannija estera Tishtom Alcosteel Recycling Co Ltd teżisti u hija reġistrata f'xi pajjiż minn awtorità kompetenti; u laqgħu wkoll billi qalu li m'humiex il-kontraditturi leġittimi billi qatt ma kellhom relazzjoni ġuridika mal-kumpannija Tishtom Alcosteel Recycling Co Ltd u r-relazzjoni li kellhom mal-kumpannija Greyhound International Limited ma kinitx fil-vesti tagħhom personali għajr għal żmien qasir fis-sena 2013. Fil-mertu, laqgħu billi ċaħdu li kkawżaw danni lill-kumpannija attriċi billi huma ma wettqu ebda aġir illegali, u ċaħdu wkoll li huma għandhom jagħtu lill-istess kumpannija attriċi fil-kwalità tagħha premessa. Għall-kuntrarju, saħqu li hija l-kumpannija attriċi li fil-fatt hija debitriċi tagħhom, kif kellu jirriżulta minn kontro-talba li ressqu flimkien ma' din it-Tweġiba Maħlufa;

Rat il-Kontro-Talba mressqa flimkien mal-imsemmija Tweġiba Maħlufa li biha, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-imħarrkin rikonvenjenti talbu li l-Qorti (a) ssib lill-kumpannija attriċi rikonvenuta bħala debitriċi favur tagħhom; (b) ssib li l-imħarrkin ġarrbu danni minħabba l-imġiba tal-istess kumpannija attriċi rikonvenuta; (ċ) tillikwida d-dejn u d-danni dovuti lilhom; u (d) tikkundanna lill-kumpannija attriċi tħallashom l-ammonti hekk likwidati;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpannija attriċi rikonvenuta fis-27 ta' Novembru, 2013, li biha laqgħet billi ċaħdet ix-xiljiet miġjuba kontra tagħha mill-imħarrkin rikonvenjenti, u tisħaq li m'għandha ebda debitu jew danni xi tħallashom;

[1] Paġ. 8 tal-proċess

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Jannar, 2014[2], li bih il-Qorti ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin marbuta mar-rappreżentanza ġuridika ta' Anthony Stivala;

Rat in-Nota tat-12 ta' Marzu, 2014[3], li biha r-rappreżentant legali tal-kumpannija attriċi rrinunzja għall-patroċinju tagħha;

Rat in-Nota tat-2 ta' April, 2014[4], li biha Anthony Stivala, bħala l-mandatarju tal-kumpannija attriċi, irrinunzja wkoll għall-patroċinju tagħha;

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Mejju, 2014[5], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi li fadlilhom l-imħarrkin u jekk ikun il-każ isirilhom il-kontro eżami;

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta' Awwissu, 2014[6], li bih u fuq talba magħmula mill-imħarrkin b'rikors tagħhom tat-30 ta' Lulju, 2014, ordnat il-ħatra ta' Kuraturi Deputati biex jidhru għall-kumpannija attriċi, liema ħatra saret bis-saħħa ta' digriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tas-7 ta' Mejju, 2015[7], lill-Avukat Mark A. Mifsud Cutajar u lill-Prokuratur Legali Pauline Mallia bħala kuraturi deputati biex jidhru għall-imsemmija Greyhound International Limited;

Rat it-Talba tad-9 ta' Ġunju, 2015[8] u tal-31 ta' Lulju, 2015[9], li biha l-Prokuratur Legali Pauline Anne Mallia talbet li ma tibqax tirrappreżenta lill-kumpannija attriċi, liema talba ntlaqgħet b'digriet tas-6 ta' Awwissu, 2015[10], u nħatar minflokha l-Prokuratur Legali Noel Scerri wara li ismu ngħata b'Nota mressqa mir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali fil-31 ta' Awwissu, 2015;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat il-verbal tat-2 ta' Marzu, 2017[11], li bih il-Qorti tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom tal-għeluq bil-miktub;

Rat li minkejja d-digriet tagħha tat-2 ta' Marzu, 2017, il-kumpannija attriċi naqset li tressaq in-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, filwaqt li l-imħarrkin ddikjaraw li m'għandhomx sottomissjonijiet x'iressqu[12];

[2] Paġ. 49 tal-proċess
[3] Paġ. 51 tal-proċess
[4] Paġ. 53 tal-proċess
[5] Paġ. 64 tal-proċess
[6] Paġ. 100 tal-proċess
[7] Paġ. 124 tal-proċess
[8] Paġ. 137 tal-proċess
[9] Paġ. 145 tal-proċess
[10] Paġ. 146 tal-proċess
[11] Paġ. 222 tal-proċess
[12] Paġ. 223 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-digrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni għar-radd lura ta' ħlasijiet ta' somom ta' flus imwettqa bla mistħoqq ("*actio de in rem verso*"), b'azzjoni rikonvenzjonali għal-likwidazzjoni u ħlas ta' dejn dovut. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "Greyhound") tgħid li daħlet f'negozju mal-imħarrkin sabiex jixtru materjal (skart industrijali) f'isimha. Hija tixli lill-imħarrkin li talbuha tagħmel ħlasijiet għal servizzi li ma ngħatawx u b'hekk stagħnew minn fuq daharha u tgħid li, minħabba f'hekk, ġarrbet danni u qiegħda wkoll titlob lura l-imsemmija ħlasijiet żejda. Għalhekk, talbet lill-Qorti biex tillikwida kemm saru ħlasijiet żejda, kemm kienu d-danni li ġarrbet minħabba dawk il-ħlasijiet u li tikkundanna lill-imħarrkin iroddulha lura l-flus hekk likwidati u d-danni msemmija;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrkin laqgħu billi ċaħdu x-xiljiet attriċi u qalu li, minflok, kienu huma l-vittmi tal-imġiba llegali ta' Greyhound. Kemm hu hekk, inqdew bl-azzjoni ta' din biex ressqu azzjoni rikonvenzjonali li bis-saħħa tagħha jitolbu lill-Qorti biex tikkundannaha trodd lura flejjes rappreżentanti f'ċekkijiet li ma ġewx onorati, flejjes li ħarġu minn buthom sabiex setgħu jixtru l-materjal għal Greyhound u d-danni li ġarrbu minħabba n-nuqqasijiet tagħha;

Illi, fit-Tweġiba tagħha għal din l-azzjoni rikonvenzjonali, Greyhound ċaħdet li hija b'xi mod kellha x'tagħti lill-imħarrkin rikonvenjenti;

Illi l-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> juru li fl-2013, Greyhound, kumpannija reġistrata f'Malta fl-2011[13], daħlet f'negozju ma' Josette Berry, sabiex l-imħarrka tibda titfa' offerti mal-kumpannija Wasteserv Malta Ltd (minn issa 'l quddiem imsejħa "Wasteserv"), biex tixtri materjal ta' skart industrijali riċiklat għall-esportazzjoni lejn it-Tajlandja. L-importatur ġewwa t-Tajlandja kienet kumpannija bl-isem ta' Tishtom Alcosteel International Ltd (minn issa 'l quddiem imsejħa "Tishtom"). Jirriżulta li, għal xi żmien, Greyhound kienet tesporta hi lejn it-Tajlandja[14] l-materjal mixtri mingħand il-Wasteserv. Ħareġ ukoll li Tishtom kellha arrangamenti oħrajn ma' terzi, fosthom ma' wieħed

[13] Dok. "QT2 f'paġ. 213 tal-proċess
[14] Ara Dok. "JF7" f'paġġ. 149 sa 153 u 158 – 9 tal-proċess

Anthony Stivala[15], biex jagħmel dan ix-xogħol ukoll. Dan Stivala fetaħ din il-kawża f'isem Greyhound;

Illi l-ħlas minn Greyhound lil Wasteserv kien isir bil quddiem, iżda f'Lulju tas-sena 2014, Greyhound waqgħet lura fil-ħlasijiet ma' Wasteserv fl-ammont ta' 'l fuq minn mitejn elf ewro (€200,000)[16]. Iċ-ċekkijiet li Greyhound ħarġet sabiex tkopri dan l-ammont ma ssarrfux mill-bank, u dan wassal biex Wasteserv fetħet proċeduri legali kontra Greyhound għal dan l-ammont[17], li kienet kanonizzata bħala kreditriċi ta' Greyhound b'sentenza li ngħatat fit-8 ta' April, 2014[18];

Illi jirriżulta wkoll li kemm Josette Berry, Greyhound, u kif ukoll Anthony Stivala ġew immultati minn Wasteserv għat-telf mġarrab minnha meta, minkejja li rebħu l-offerta, naqsu li jiġbru l-materjal minn għandha u Wasteserv kellha ddur fuq it-tieni offerent[19]. Ir-rikonvenjenti Josette Berry tgħid li hi kienet timxi fuq struzzjonijiet mogħtija minn Tisthom, u filwaqt li kienet irċeviet struzzjonijiet biex titfa' l-offerta, ma rċevietx struzzjonijiet biex tgħabbi l-materjal, u għaldaqstant weħlet multa bla bżonn[20]. Fil-kontro-talba li hija ressqet titlob, fost l-oħrajn, li jingħatalha kumpens għal dan it-telf li ġarrbet;

Illi filwaqt li Wasteserv irċeviet ilmenti mingħand wieħed Rathendra Barua f'isem Tishtom marbuta ma' xilja ta' bejgħ ta' materjal ħazin[21] jew dwar il-mod kif kienet timxi miegħu Wasteserv f'termini ta' proċedura[22], dawn l-ilmenti ma kinux diretti lejn xi wieħed mill-offerenti tagħha;

Illi jirriżulta li lura fl-2006, Rathendra Barua kien instab ħati mill-Qrati ġewwa Ontario, il-Kanada, dwar akkużi kriminali miġjuba kontrih marbuta ma' frodi u għoti ta' xhieda falza [23], u li bejn l-2011 u l-2013, kellu karta ta' identità Maltija maħruġa fuq indirizz f'Malta[24];

Illi mill-provi mressqa, Greyhound għandha tagħti lill-imħarrka Josette Berry l-ammont ta' tmienja u erbgħin elf, tliet mija u tlieta u disgħin ewro, u sebgħa u sebgħin ċenteżmi (€48,393.77), rappreżentanti l-import ta' kummissjonijiet fuq l-offerti mirbuħa minnha[25]. Greyhound ħarġet tliet ċekkijiet f'isem Josette Berry biex tkopri dak l-ammont[26], u filwaqt li l-ewwel ċekk ma

---

[15] Ara Dok. "JF7" f'paġġ. 153 – 7 tal-proċess
[16] Ara Dok. "JF2" f'paġ. 73 u x-xhieda ta' Josephine Farruġia f'paġġ. 88 – 9 tal-proċess
[17] Ara x-xhieda ta' Josephine Farruġia f'paġ. 89 tal-proċess
[18] Rik. Nru. 1198/13JRM
[19] Ara x-xhieda ta' Josephine Farruġia f'paġġ. 80 – 1. Ara wkoll Dok. "JF1", "JF3", "JF4" u "JF6" tal-proċess f'paġġ. 74 – 76 u paġ. 78 tal-proċess
[20] Ara l-affidavit ta' Josette Berry f'paġ.58 tal-proċess
[21] Ara x-xhieda ta' Josephine Farruġia f'paġ. 87 – 8 tal-proċess
[22] Ara Dok. "JF8" f'paġġ. 163 sa 171 tal-proċess
[23] Ara Dok. "FG7" f'paġġ. 40 – 3 tal-proċess
[24] Paġ. 193 – 4 tal-proċess
[25] Ara Dok. "JF2" f'paġġ. 22, 25 u 28 tal-proċess
[26] Ara Dok. "JF2" f'paġ. 21 tal-proċess

ssarrafx mill-bank[27], iż-żewġ ċekkijiet l-oħra nżammu wara li fit-23 ta' Ottubru, 2013, Greyhound ħarġet Mandat ta' Sekwestru kontra Berry u kif ukoll kontra l-imħarrek l-ieħor Sandro Darmanin[28];

Illi dakinhar li nħareġ il-Mandat imsemmi, Greyhound fetħet din il-kawża;

Illi fl-14 ta' Novembru, 2013, l-imħarrkin rikonvenjenti ressqu kontro-talba kontra Greyhound għad-debitu dovut lilhom, flimkien ma' talba għal Ħruġ ta' Kontromandat għall-Mandat ta' Sekwestru;

Illi t-talba għal Ħruġ ta' Kontromandat għall-Mandat ta' Sekwestru ġiet miċħuda minn din il-Qorti permezz ta' digriet tad-9 ta' Jannar, 2014[29], għar-raġunijiet hemm imsemmija, imma li ordna li Greyhound tressaq garanzija ta' ħamsin elf ewro (€50,000) għall-għanijiet tal-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Minħabba li Greyhound naqset li tqiegħed il-garanzija ordnata mill-Qorti fiż-żmien lilha mogħti, l-imħarrkin eżekutati talbu u kisbu l-ħruġ tal-Kontro-Mandat relattiv ftit tal-jiem wara[30];

Illi rigward il-konsiderazzjonijiet legali, il-Qorti sejra l-ewwelnett tgħaddi biex tqis l-azzjoni attriċi fid-dawl tal-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa mill-imħarrkin. Kemm-il darba l-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni, ma jibqax lok li tistħarreġ ukoll il-mertu tal-kawża ewlenija. Dan qiegħed jingħad bla ħsara għall-istħarriġ tat-talbiet rikonvenzjonali mressqa mill-imħarrkin;

Illi l-**ewwel eċċezzjoni preliminari** hija indirizzata lejn il-persuna ta' Anthony Stivala li f'din il-kawża jippreżenta ruħu bħala l-mandatarju jew ir-rappreżentant tal-kumpannija lokali Greyhound International Limited u dik estera Tishtom Alcosteel Recycling Co Ltd. L-imħarrkin jgħidu li l-azzjoni attriċi hija nulla billi Anthony Stivala m'għandux ir-rappreżentanza legali u ġuridika ta' Greyhound fil-kwalità li fiha fetħet il-kawża tagħha, u kif ukoll li Anthony Stivala jrid juri li l-kumpannija barranija Tishtom Alcosteel Recycling Co Ltd teżisti tabilħaqq u li hija reġistrata f'xi pajjiż minn awtorità kompetenti;

Illi l-prinċipji ġenerali dwar ir-rappreżentanza ġuridika ta' kumpannija jgħallmu li kumpannija, fost il-jeddijiet oħra, għandha l-jedd li tkun rappreżentata, jiġifieri minn persuna jew persuni fiżiċi li jidhru għaliha, u dan ħalli tkun integrata personalità li m'għandhiex forma fiżika[31]. L-Att Dwar il-

---

[27] Ara x-xhieda tal-Ispettur Jonathan Ferris f'paġ. 92 tal-proċess, rapport f'paġġ. 60 – 1 tal-proċess, u Dok. "FG4" f'paġġ. 32 – 5 tal-proċess
[28] Mandat ta' Sekwestru numru 1631/13. Ara wkoll l-affidavit ta' Josette Berry f'paġ. 58 tal-proċess
[29] P.A. JRM 9.1.2014 fl-ismijiet *Greyhound International Limited għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Tishtom Alcosteel Recyling Co Ltd kif debitament awtorizzata u l-istess Greyhound International Limited għal kull interess li jista' jkollha vs Josette Berry u Sandro Darmanin*
[30] K/Mand. 239/14 maħruġ fit-12 ta' Frar, 2014
[31] App. Ċiv. **4.10.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Buġeja vs Carmelo Aġius et,*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.420)**

Kumpanniji[32] jeżiġi li l-*memorandum* ta' kull kumpannija għandu jsemmi, fost oħrajn, in-numru tad-diretturi, l-isem u r-residenza tal-ewwel diretturi u, meta xi wieħed mid-diretturi jkun korp ġuridiku, l-isem u l-uffiċċju reġistrat jew prinċipali tal-korp ġuridiku, u l-mod kif se tkun eżerċitata r-rappreżentanza tal-kumpannija, u l-isem tal-ewwel persuna jew persuni li jkollhom dik ir-rappreżentanza;

Illi ladarba l-persuna ġuridika m'għandhiex forma fiżika, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili[33] jitlob ukoll li fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, kull dikjarazzjoni jew skrittura għandha tinħalef mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rappreżentanza ġuridika ta' dak il-korp jew minn kull segretarju tal-kumpannija jew minn kull persuna oħra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tippreżenta atti ġudizzjarji f'ismu jew li jagħmel dikjarazzjoni, risposta ġuramentata jew skrittura bħal dawk imsemmija;

Illi fil-kaz li l-Qorti għandha quddiemha, jirriżulta dokumentat u ppruvat kif imiss li Greyhound[34] għandha bħala azzjonista, direttriċi, u segretarju lill-istess persuna, jiġifieri lil Chutipa Srinakorn ta' nazzjonalità Tajlandiża. Fl-istess persuna hija wkoll vestita r-rappreżentanza ġuridika tal-kumpannija[35]. Jirriżulta wkoll li Chutipa Srinakorn ma għadhiex toqgħod Malta[36] u għaldaqstant sabiex din il-kawża setgħet titressaq u timxi fil-persuna ta' Anthony Stivala, kien meħtieġ li Greyhound iġġib bħala prova xi għamla ta' awtoriżżazzjoni li hija tat lil dan Stivala biex jidher f'isimha. Greyhound ressqet riżoluzzjoni bid-data tat-23 ta' Ottubru, 2013, id-data meta nfetħu dawn il-proċeduri, iffirmata minn Chutipa Srinakorn, fejn tawtoriżża lil Stivala jidher f'isimha waqt proċeduri ġudizzjarji kontra l-imħarrkin. Din il-prova tressqet fil-proċeduri marbutin mat-Talba għal Ħruġ ta' Kontro Mandat fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 1631/13JRM[37];

Illi l-Qorti ma tistax ma tosservax li filwaqt li d-dokumenti l-oħra mehmużin bħala prova f'dawk il-proċeduri, huma lkoll oriġinali, awtentikati, u ffirmati quddiem persuna ta' awtorità li setgħet tagħti fiduċja għall-kontenut tagħhom, dan id-dokument huwa sempliċment kopja li lanqas ma hija awtentikata;

Illi għar-rigward tal-kumpannija barranija Tishtom Alcosteel Recycling Co Ltd, għal darb'oħra, tressqet riżoluzzjoni bid-data tat-23 ta' Ottubru, 2013, b'dik li tidher li hija l-firma tal-imsemmija Chutipa Srinakorn, fejn jingħad li qed tawtoriżża lil Stivala jidher f'isimha (jiġifieri Tishtom) fil-

[32] Art. 69(1)(g) tal-Kap. 386
[33] Art. 181A(2) tal-Kap. 12
[34] Ara Dok. "QT" f'paġ. 213 tal-proċess
[35] Ara Dok. "FG6" f'paġ. 37 tal-proċess
[36] Ara x-xhieda tal-Ispettur Jonathan Ferris f'paġ. 92 tal-proċess
[37] Dok. "AS1" f'paġ. 71 tal-proċess

proċeduri ġudizzjarji kontra l-imħarrkin[38]. L-istess ħaġa bħar-riżoluzzjoni maħruġa minn Greyhound, dan id-dokument huwa wkoll kopja mhux awtentikata quddiem persuna ta' awtorità. Ta' tħassib akbar minn hekk huwa l-fatt li Greyhound naqset għal kollox li tressaq dokumenti uffiċjali li juru l-identità u saħansitra l-eżistenza ta' Tishtom ġewwa t-Tajlandja, liema prova kien mistenni li tinġieb ladarba l-azzjoni tressqet minn kumpannija f'isem dik il-kumpannija l-oħra;

Illi l-Qorti tqis ukoll in-Nota[39] tar-rinunzja ta' Stivala fi stadju bikri tal-kawża, u l-komunika[40] li pprova jagħmel il-kuratur deputat lil Chutipa Srinakorn fl-indirizz uffiċjali tal-kumpannija Greyhound fil-Fgura, li ma ħalliet ebda frott;

Illi l-kawża ma tistax titressaq jekk l-identità tal-attur (il-kumpannija attriċi barranija Tishtom, f'dan il-każ) ma tkunx stabbilita b'dokumenti kif imiss, kif ukoll li awtorizzazzjoni, kemm-il darba kienet ingħatat, m'għandha tħalli ebda dubju fuq il-ġudikatur li hija minnha u għaldaqstant awtentika. Għal din il-Qorti, fiċ-ċirkostanzi taż-żewġ kumpanniji attriċi f'dan il-każ, dawn in-nuqqasijiet bażiċi huma ta' siwi kbir u jolqtu fil-laħam il-ħaj il-possibilitajiet li l-azzjoni ewlenija tista' titkompla. In-nuqqas ta' dawn il-provi (li, fis-sewwa, lanqas kellhom bżonn jistennew eċċezzjoni biex jitressqu fl-atti tal-kawża) jwasslu għall-effett li l-parti attriċi ma kellhiex il-leġittimazzjoni attiva biex tressaq il-kawża u la f'isimha u lanqas f'isem Tishtom u n-nuqqas ta' awtorizzazzjoni xierqa ġġib fix-xejn l-att imressaq[41];

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti għaldaqstant tasal għall-fehma li l-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa mill-imħarrkin hija tajba u jisthoqqilha tintlaqa'. Dan iġib l-effett li t-talbiet attriċi fl-azzjoni ewlenija ma jistgħux jintlaqgħu;

Illi għalkemm se jiġi li l-azzjoni ewlenija se titqies ma tiswiex, l-azzjoni rikonvenzjonali ma tintemmx b'daqshekk. Għalhekk, imiss li l-Qorti tgħaddi biex tqis is-siwi ta**t-talbiet tal-imħarrkin kif imressqa fil-kontro talba**, u l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jikkaratterizzaw il-każ li l-Qorti għandha quddiemha. Fi kliem ieħor, is-siwi tat-talbiet rikonvenzjonali jrid jitqies fid-dawl tal-azzjoni ewlenija li fetħet Greyhound li kienet dik sussidjarja magħrufa bħala l-*actio de in rem verso,* li l-għan ewlieni tagħha huwa li jintradd lura dak li ħaddieħor ikun kiseb u stagħna bih bi ħsara ta' min jiftaħ l-azzjoni;

[38] Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 1631/13 JRM, Dok. "AS2" f'paġ. 72 tal-proċess
[39] Paġ. 53 tal-proċess
[40] Paġ. 218 tal-proċess
[41] Art. 787(1) tal-Kap 12

Illi dik hija azzjoni mogħtija lil persuna f'dawk il-każijiet fejn ma tistax titressaq azzjoni *ex contractu*[42]. Tissejjaħ ukoll "sussidjarja" għaliex ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex għalxejn mod ieħor lil min stagħna bi ħsara tiegħu[43], jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm l-ebda azzjoni li setgħet issir[44]. Tista' titressaq ukoll fejn jintwera li jkun għalxejn li l-attur l-ewwel jipprova jmexxi kontra d-debitur tiegħu f'każ, per eżempju, li dan ikun falla jew telaq għal kollox mill-ġurisdizzjoni[45]. Għalkemm għal bosta snin azzjoni ta' din l-għamla kienet mibnija fuq tagħlim ġurisprudenzjali taħt il-kappa tal-kważi-kuntratt, illum il-ġurnata l-liġi tagħna tagħrafha espressament[46];

Illi l-azzjoni hija wkoll, u minħabba dak li għadu kemm ingħad, waħda ekwitativa[47]. Kemm hu hekk, il-prinċipju li jmexxi din l-għamla ta' azzjoni huwa dak li m'huwiex xieraq li persuna tistgħana bi ħsara ta' ħaddieħor (*nemo licet locupletari cum aliena iactura*)[48]. Għalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjez minfuqa mill-parti attriċi[49], u għandha l-għan li terġa' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun stagħna u dak tal-parti li tkun għamlet jew nefqet spejjeż biex dan ikun seħħ[50]. Billi din l-azzjoni għandha l-għerq tagħha fl-istitut tal-kwazi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wieħed leċitu u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni[51], u li l-fatt ma jkunx seħħ kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti interessata[52];

Illi ingħad ukoll[53] li l-elementi li jsejsu l-azzjoni huma (a) li persuna kisbet jew qiegħda tikseb vantaġġ jew utilità[54] minħabba li xi ġid ta' ħaddieħor għadda għandha jew minħabba li xogħlijiet jew servizzi twettqu fi ħwejjiġha bla ma sar il-ħlas għalihom jew b'mod li ġew iffrankati spejjeż lill-parti li b'hekk tkun stagħniet[55]; (b) it-tnaqqis mill-ġid tal-parti l-oħra b'titolu lukrattiv; (ċ) ir-rabta bejn it-tnaqqis tal-ġid tal-parti l-waħda u ż-żieda jew benefiċċju tal-parti l-oħra; (d) in-nuqqas ta' raġuni li tiġġustifika l-arrikkiment ta' parti u l-"ftaqir" tal-parti l-oħra u (e) li min laqa' għandu l-ħaġa jew is-servizz stagħna b'dik il-ħaġa jew b'dak is-servizz[56];

---

[42] P.A. **14.12.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Grima vs Fava et*** (Kollez. Vol: **L.ii.487**)
[43] P.A. **4.3.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Seychell vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.593**)
[44] P.A. **10.12.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit vs Farruġia et*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.787**)
[45] P.A. GV **26.4.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Blye Engineering Co. Ltd. vs Stanley Sullivan et***
[46] Art. 1028A tal-Kap 16
[47] Dig. "*De Jure Dotium*", fr.6 "*Quia bono et aequo conveniat aut lucrari aliquem cum damno alterius, aut damnum sentire per alterius lucrum*"
[48] Kumm. **15.9.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Mattocks et vs McKeon*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.1018**)
[49] App. Ċiv. **26.1.1901** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna vs Watson*** (Kollez. Vol: **XVIII.i.26**)
[50] Pescatore – Ruperto Codice Civile Annotato (7ª Ediz. 1978) §2041, paġ. 2008
[51] Art. 1012 tal-Kap 16
[52] Art. 1019 tal-Kap 16
[53] Ara, per ezempju, Torrente Manuale di Diritto Privato (9ª Ediz. 1975) §387, paġ. 634
[54] App. Kumm. **5.4.1957** fil-kawza fl-ismijiet ***Calleja vs Zammit Tabona*** (Kollez. Vol: **XLI.i.631**)
[55] Amos & Walton's Introduction to French Law (3rd Edit.), paġ. 197
[56] P.A. **30.11.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Parnis vs Vella noe*** (Kollez Vol: **XXXIX.ii.764**) u li kienet tirrigwarda spejjeż minfuqin minn iben biex itejjeb id-dar ta' missieru li kien interdett u li, għalhekk, ma setax jagħti l-kunsens tiegħu biex isiru dawk ix-xogħlijiet

Illi fid-dawl tar-rejaltà li l-kumpannija attriċi naqset li ssemma' leħenha għaliex, għajr għall-bidu tal-kawża, ma kinetx rappreżentata kif imiss u fin-nuqqas ma ressqitx ix-xhieda li wieħed kien jippretendi minnha biex tilqa' għat-talbiet rikonvenzjonali tal-imħarrkin, il-Qorti trid tqis bir-reqqa l-provi mhux kontestati biex tasal għall-fehmiet tagħha;

Illi fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti jirriżultalha dokumentat u pruvat kif imiss li l-imħarrkin ġarrbu nfieq minħabba nuqqas kemm ta' Greyhound u kif ukoll ta' Tishtom. Il-Qorti sejra tistħarreġ wieħed wieħed l-ammonti pretiżi mill-imħarrkin skond kif imfissra fix-xhieda mogħtija permezz tal-affidavit minn Sandro Darmanin[57]. Għar-rigward tal-ammont ta' sitt elef u sebgħa u sebgħin ewro (€6,077) rappreżentanti l-penali mitluba mingħand Wasteserv dwar tfigħ ta' offerta f'Settembru tal-2013[58], minħabba dewmien min-naħa tal-kumpannija Tishtom, ix-xhieda mogħtija minn Josephine Farruġia f'isem Wasteserv meta mqabbla ma' dik mogħtija minn Josette Berry fl-affidavit tagħha, ma tħalli ebda dubju li din il-penali ma kinitx dovuta għal xi nuqqas ta' Josette Berry, u għaldaqstant is-somma li l-imħarrkin kellhom iħallsu bħala penali huwa dovut lura lilhom;

Illi jirriżulta wkoll mid-dokumenti ppreżentati minn Josephine Berry, mix-xhieda tal-Ispettur Jonathan Ferris u dik tar-rappreżentant tal-bank Joanna Bartolo, li Greyhound hija debitriċi fil-konfront ta' Josette Berry fl-ammont ta' tmienja u erbgħin elf, tlett mija tlieta u disgħin ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmi (€48,393.77), rappreżentanti kummissjoni fuq l-offerti mirbuħa minnha. Għalkemm Greyhound tat lill-imħarrka x'tifhem li kienet ser tħallasha għas-servizzi tagħha billi għadditilha tliet ċekkijiet fuq isimha għal dan l-ammont, fit-22 ta' Ottubru, 2013, Greyhound talbet lill-bank biex iwaqqaf il-ħlas fuq dawn iċ-ċekkijiet taħt l-iskuża li kienu "misruqa"[59]. Il-fatti kienu mod ieħor u dakinhar li Greyhound talbet iż-żamma tat-tisrif taċ-ċekkijiet, talbet il-ħruġ tal-Mandat Kawtelatorju u fetħet il-kawża;

Illi, bħala tali, il-fatt li t-tliet ċekkijiet inħarġu fuq isem l-imħarrka Berry u kienu juru konnotati xierqa[60], jixhed li kienet Greyhound li mexxiet b'dan il-mod biex, filwaqt li tagħti lill-imħarrka x'tifhem li kienet qiegħdha tħallasha tas-servizz mogħti, kellha f'moħħha dak il-ħin stess li kienet se ċċaħħadha minn dak il-ħlas. Minbarra dan, il-ħruġ ta' strument legali bħalma huwa *cheque* jixhed mad-daqqa t'għajn l-eżistenza ta' rabta għall-ħlas u tal-obbligazzjoni li taħtha dak il-ħlas ikun dovut. Dawn il-kunsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti għall-konvinċiment li l-ammont pretiż mir-rikonvenjenti dwar l-import tal-imsemmija ċekkijiet huwa dovut lilhom ukoll u ppruvat kif imiss. Minbarra dan, fil-fehma

[57] Paġ. 56 tal-proċess
[58] Ara d-Dokument f'paġ. 63 tal-proċess
[59] Ara x-xhieda ta' Joanna Bortolo f'paġ. 197 tal-proċess
[60] Ara d-Dok "FG2", f'paġ. 21 tal-proċess

tal-Qorti, din iċ-ċirkostanza tixhed il-fehma ta' Greyhound li tistagħna minn fuq dahar l-imħarrka Berry wara li kienet ikkommettietha ma' terzi (Wasteserv);

Illi l-imħarrka rikonvenjenti titlob ukoll flejjes lura fl-ammont ta' għoxrin elf, mitejn u għoxrin ewro u sitta u għoxrin ċenteżmi (€20,220.26) rappreżentanti dejn miġmugħ li Greyhound kellha magħha. Mill-i*statement* li tippreżenta l-imħarrka Berry[61], il-Qorti tifhem li dan l-ammont huwa bilanċ ta' ammonti miġbura flimkien li kienu dovuti lilha għal servizzi li tat lil Greyhound sa minn Novembru tal-2012. Il-Qorti sejra tilqa' wkoll it-talba għal dan l-ammont fuq il-bażi li l-ammont mhux kontestat mill-kumpannija attriċi rikonvenuta u minħabba li dak il-prospett tressaq u nħalef minn min ressqu. Dan qed jingħad għaliex korrispondenza ulterjuri bejn il-partijiet fejn jissemma dan l-ammont ma tinstabx fil-proċess. L-imħarrka fl-affidavit tagħha[62] tgħid li fil-25 ta' Ottubru, 2013, hija fetħet proċeduri kontra Greyhound għal dan l-ammont. Il-Qorti waslet għal fehma li l-proċeduri li rreferiet għalihom Berry kienu l-kontro talba li hija ressqet fl-14 ta' Novembru, 2013 fejn bħala dokument "FG1"[63] hija ppreżentat kopja ta' dan il-kont;

Illi, fl-aħħarnett, l-imħarrek Sandro Darmanin jitlob ukoll kumpens fl-ammont ta' tletin elf ewro (€30,000) rappreżentanti materjal ordnat mingħand Smart Recyling, li ħallas għalih l-imħarrek, iżda ma ngħabarx minn Greyhound u llum intrema[64]. Mid-dokumenti mressqa fl-atti, lill-Qorti dan l-ammont ma jirriżultaliex dovut. Fil-fatt ma tressqet ebda prova mill-imħarrkin ta' dan l-ammont;

Illi l-imħarrkin jitolbu wkoll il-likwidazzjoni ta' danni mġarrba. Il-Qorti ssib li fl-atti tal-kawża ma jirriżultawx provi tan-natura, l-għamla u l-ammont ta' din il-pretensjoni, u għaldaqstant it-talba għad-danni qiegħdha tiġi miċħuda. Kien jaqa' fuq ir-rikonvenjenti li jipprova din il-pretensjoni tagħhom;

Illi fil-kontro-talba tagħhom, ir-rikonvenjenti Berry u Darmanin jitolbu wkoll l-imgħaxijiet. Billi wħud mill-pretensjonijiet tagħhom jirrigwardaw somom determinati u determinabbli, u billi t-talbiet tal-likwidazzjoni (f'dak li jirrigwarda d-danni) mhux se jintlaqgħu, il-Qorti ssib li l-imgħaxijiet fuq is-somom dovuti lilhom iridu jgħaddu minn dakinhar li Greyhound laqgħet in-notifika tat-talba ġudizzjarja tagħhom (il-kontro-talba), jiġifieri mid-19 ta' Novembru, 2013[65], sal-jum tal-ħlas effettiv;

[61] Dok. "FG1" f'paġ. 20 tal-proċess
[62] Ara affidavit ta' Josette Berry f'paġ. 58 tal-proċess
[63] Paġ. 20 tal-proċess
[64] Ara affidavit ta' Sandro Darmanin f'paġ. 56 tal-proċess
[65] Ara r-riferta f'paġ. 44 *tergo* tal-proċess

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin għaliex hija mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk issib li l-azzjoni ewlenija tal-kumpannija attriċi ma tiswiex;

**Tiċħad it-talbiet attriċi**;

**Tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali** u ssib li Greyhound Interntional Limited hija debitriċi ta' Josette Berry u Sandro Darmanin;

**Tiċħad it-tieni talba rikonvenzjonali** billi ma nġabux provi tad-danni mġarrba;

**Tilqa' t-tielet talba rikonvenzjonali** u tillikwida d-dejn dovut minn Greyhound International Limited lil Josette Berry u Sandro Darmanin fl-ammont ta' erbgħa u sebgħin elf, sitt mija wieħed u disgħin ewro, u tliet ċenteżmi (€74,691.03);

**Tilqa' r-raba' talba rikonvenzjonali** u tikkundanna lil Greyhound International Limited tħallas lil Josette Berry u Sandro Darmanin is-somma ta' erbgħa u sebgħin elf, sitt mija wieħed u disgħin ewro, u tliet ċenteżmi (€74,691.03), flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mid-19 ta' Novembru, 2013 sal-jum tal-ħlas effettiv**;**

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-kumpannija Greyhound International Limited għall-azzjoni rikonvenzjonali għaliex m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tikkundanna** lill-kumpannija attriċi Greyhound International Limited tħallas **l-ispejjeż kollha** tal-kawża.

**Moqrija**

| | |
|---|---|
| **Onor. Joseph R. Micallef LL.D.** | **Geraldine Rickard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |

**17 ta' Marzu, 2023**